**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Av. Darlene Grima)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 133/2023**

**Illum, tlettax (13) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità -Omissis- akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-gzejjer, u/jew, gewwa -

Omissis-, u/jew gewwa -Omissis-, Malta, nhar it-tielet (3) jum ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel:

1. B'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax-il sena, u cioe' lil **-Omissis-** imwielda nhar -Omissis-**;**

2. U aktar talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena, u cioe' ma' **-Omissis-** imwielda nhar -Omissis-, liema persuna hija persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu tnejn (2) tal-artikolu 208AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, u/jew, gewwa garaxx fi -Omissis-, nhar it-tielet (3) jum ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022):

3. Minghajr kunsens, ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra, u cioe' tal-minuri **-Omissis-** imwielda nhar -Omissis-, liema persuna li fuqha sar delitt giet offiza fuq il-persuna;

Din il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi notifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-minuri msemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Marzu, 2024 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed tintalab li ssib htija u cioè:

1. Fl-artikoli 204C(1), 208AC(1)(b)(2)(a)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju tant illi rregistra ammissjoni fuq dawk l-akkuzi li dwarhom l-Avukat Generali ntalab li ssib htija.

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet ix-xhieda tal-minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjoviziva fejn originarjament kienet tkellmet fuq attivitajiet sesswali mal-imputat minghajr il-kunsens taghha tant illi l-imputat kellu addebitat lilu r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ukoll l-istupru.

[1] Bl-applikazzjoni 204C(3) u 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi sussegwentement ghal din it-testimonjanza d-difiza esebiet certi provi illi juru li l-minuri ma kinitx xehdet il-verità izda li l-attività sesswali li saret bejniethom kienet konsenswali.

Illi regghet semghet il-verzjoni tal-minuri bil-gurament fejn din ikkonfermat dan kollu permezz tax-xhieda taghha datata tnax (12) ta' Frar 2024.

Illi ghalhekk l-Artikoli tal-Avukat Generali jirriflettu dan il-fatt u illi ghalhekk li l-Avukat Generali talab li tinstab htija biss taht l-Artikolu 204C(1) u cioè dak relatat ma' attivitajiet sesswali ma' minuri taht is-sittax (16)-il sena.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ammetta ghalih l-imputat jistipula s-segwenti:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri kienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali ghalkemm ghal bidu hija deliberatament xehdet il-kuntrarju.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat u tal-minuri illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu sbatax (17)-il-sena u l-minuri kellha hmistax (15)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' sentejn (2) biss. Illi ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tistharreg il-livell ta' zvilupp ta' bejniethom stante illi ma kienx hemm differenza bejn l-età taghhom. Illi di piu' mill-atti ma hareg xejn li jindika lil l-minuri kellha xi mankanza mentali jew psikologika li timpedilha li jkollha zvilupp normali ghalkemm hareg li din

kellha hajja disfunzjonali u ghalhekk ir-raguni ghalfejn din tigdeb.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dan l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens u stante li din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz. Illi ulterjorment meta gie kommess ir-reat inkwistjoni l-imputat kien ghadu hu stess minorenni u ghalhekk ghandu jibbenefika ghal mitigazzjoni li taghti l-ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31, 204C(1) u (3) u l-Artikolu 208AC(1)(b)(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati biss tat-tieni (2) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi l-ohra kollha.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas nofs l-ispejjez peritali naxxenti mill-inkjesta Magisterjali liema

spejjez jammontaw ghal elf sitt mija u tmienja u sittin ewro u tnax-il centezmu (€1,668.12).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**